# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 83/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jurgen Stanyer**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jurgen Stanyer**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 320692(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Mejju 2011:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien

awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

b. ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati ta' imputazzjoni (a) miġjuba fil-konfront tiegħu u minnha lliberatu, sabitu ħati ta' imputazzjoni (b) u

- ikkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u kif ukoll multa ta' sitt mija u ħamsin Euro (€650) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50) bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas nofs[1] l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur fil-proċeduri ossia s-somma ta' wieħed u disgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€91.83) b'dan illi tali spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar minn dakinhar tas-sentenza;

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita bħala Dok. "DT" hekk kif is-sentenza kellha tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata kif ġej:*

1. ***Tikkonfermaha** fil-parti fejn huwa ġie dikjarat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) u konsegwentement ġie liberat mill-imputazzjoni (a);*

2. ***Tħassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni (b) u tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minnha skont il-liġi;*

3. ***Alternattivament u mingħajr preġudizzju** għat-talbiet preċedenti jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha tikkonferma s-sejbien ta' ħtija għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni (b), tiddikjara li dan kien każ ta' traffikar by sharing u titratta mal-appellant skont tali dikjarazzjoni u b'mod partikolari ma timponiex piena karċerarja effettiva fil-konfront tiegħu;*

4. ***Alternattivament u mingħajr preġudizzju**, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok*

[1] "L-imputat mhuwiex qed jinstab ħati tal-imputazzjoni (a) dwar il-kokaina u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi għandu jħallas biss nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Sammut."

*tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fis-27 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 215) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti diversament preseduta li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni u għalhekk kien għalaq il-każ.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għall-fatti li jirriżultaw fl-atti proċesswali. Fl-1 ta' Mejju 2011 inżamm *party* ġewwa l-istabbiliment Numero Uno, f'Ta' Qali fejn numru ta' persuni ġew arrestati mill-Pulizija, fost liema persuni kien hemm ċertu Jurgen Gauci kif ukoll l-appellant allura imputat. Żewġ uffiċjali tal-Pulizija *ossia* PS 1163 Francis Schembri u PC 1516 Vince

Cutajar xehdu illi waqt li huma kienu qegħdin ħdejn it-*toilets* tal-fond imsemmi, innutaw lil Gauci u lill-appellant. Filwaqt li PS 1163 Schembri jgħid li dawn iż-żewġ persuni kienu qegħdin jiftehmu bejniethom fuq xi ħaġa, PC 1516 Vince Cutajar xehed li ġie nnutat li kien għaddej negozju bi flus u li kien qed jgħaddu xi ħaġa lil xulxin. Filwaqt li fuq il-persuna ta' Gauci nstabu *sachet* żgħir bi trab abjad suspettat kokaina u żewġ pilloli bojod suspettati *ecstasy*, fuq l-appellant instabet somma flus.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi jkun l-opportun li l-ewwel isiru l-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju u dana minħabba li jagħmel aktar sens li jsir hekk tenut kont ta' dak li jingħad fl-aggravji tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ma setgħu qatt ireġu fil-liġi u li b'hekk huwa ma seta' qatt jinstab ħati tagħhom. Wara li jikkwota l-imputazzjonijiet li bihom huwa ġie akkużat quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant jgħid li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ma fihom l-ebda indikazzjoni ta' lok, post u ħin u li l-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq id-diċitura ġenerika "fil-Gżejjer".

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Debattista** (Numru 9/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> "Kif ukoll ġie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, iċ-ċitazzjoni baqgħet xorta waħda sempliċi "*avviso a comparire*" u mhux il-bażi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tiġi formalment magħmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu *(i)* tal-Artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri *ex officio*

> bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-każ tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jiġi konfermat bil-ġurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'pożizzjoni li jkun jista' jiddefendi ruħu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawżi sommarji huwa jressaq il-każ u l-provi tiegħu fl-istess ġurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tingħata wkoll f'dik il-ġurnata (Art. 377(1)). Għalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuża" ikunu ġew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jiġi verament akkużat, sia għal dawk li huma fatti u sia għal dik li hija liġi, huwa jista' jew iġib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar ċara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun għalqet il-każ tagħha – u allura l-imputat ikun ċertament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jiġu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu. Mid-diversi verbali reġistrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-iċken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda prinċipali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jiġu imputati fil-konfront tiegħu. Għalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jingħad li l-appellant ġie preġudikat fid-difiża tiegħu."

Illi din il-Qorti tinnota li dak li ngħad fis-sentenza ċċitata huwa ċar dwar il-funzjoni taċ-ċitazzjoni u ma tara ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi minnu.

Illi tenut kont ta' dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq imsemmija u tenut kont ukoll tal-fatt li f'dan il-każ ma saret ebda talba mid-difiża għall-kjarifika, din il-Qorti tikkonkludi li dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni kien biżżejjed sabiex l-Ewwel Qorti setgħet issib ħtija fl-appellant f'waħda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant. Dak li qal l-appellant fl-aggravju in eżami ma jreġiex meta applikat għal dan l-appell u dana peress li d-dettalji nieqsa li hemm fiċ-ċitazzjoni li jsemmi l-appellant fl-aggravju

tiegħu ma jwasslux lil din il-Qorti tilqa' l-istess aggravju. Għaldaqstant, l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appellant flimkien peress li l-imsemmija aggravji huma konnessi.

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reati addebitati lilu u li l-provi li tressqu jieqfu ferm il-bogħod mill-piż tal-prova rikjesta mil-liġi. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad rikjest fil-kamp kriminali u jisħaq ukoll li l-konklużjoni li laħqet l-Ewwel Qorti ma kinitx waħda serena.

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq ix-xiehda ta' Jurgen Gauci u addirittura emmnet il-verżjoni tal-istess Gauci. Filwaqt li jagħmel riferenza għal dak li xehdu Gauci u hu jgħid li l-verżjoni tiegħu għandha ferm aktar mis-sewwa mill-verżjoni ta' Gauci. Jgħid li Gauci ma jistax jitwemmen meta għażel li ma jgħidx il-verita' anke meta kkonferma bil-ġurament l-istqarrija tiegħu. Jissottometti wkoll li *dato ma non concesso* l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata fis-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward ta' imputazzjoni (b), il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jippuntaw lejn direzzjoni waħda ċioè li dan kien każ ta' traffikar *by sharing*. Jisħaq li hu kien fil-pussess ta' żewġ pilloli *ecstasy* biss li jgħid huwa ammont żgħir ħafna ta' droga u li ma kellux intenzjoni li jagħmel qliegħ minnha iżda biss li jikkonsmaha ma' Jurgen Gauci.

Illi għal dawk li huma fatti din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija biss fl-appellant ta' imputazzjoni mmarkata bl-ittra (b) u ċioè ta' traffikar ta' *ectsasy*. Din il-Qorti ma tqisx li huwa neċessarju li toqgħod tirriproduċi hawn il-ġurisprudenza li għamlet riferenza għaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti eżaminat il-fatti bir-reqqa u kif ukoll dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fir-rigward tal-imputazzjoni li tagħha nstabet ħtija. Din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Filwaqt illi Jurgen Gauci xehed illi kien jaf lill-appellant minn wiċċu biss, l-appellant qal li hu u Gauci kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien u li anke l-familji tagħhom kienu jafu lil xulxin.

- Jirriżulta li l-appellant kellu l-motivi tiegħu biex jgħid illi Gauci u hu kienu ħbieb u dan sabiex jipprova jagħti l-impressjoni li dan ma kienx għajr każ ta' traffikar *by sharing*.

- Da parti tiegħu, l-appellant jgħid illi Gauci u hu ltaqgħu barra b'kumbinazzjoni u skont hu, ftehmu li jixtru żewġ pilloli

*ecstasy* biex jaqsmuhom bejniethom, għalkemm f'mument minnhom jgħid ukoll illi Gauci kien staqsih minn fejn seta' jakkwista l-*ecstasy* biex jaqsmuhom flimkien. Għalhekk, skont l-appellant, huwa daħal fil-*party* u akkwista żewġ pilloli *ecstasy* għalih u għal Gauci. Skont l-appellant, l-intenzjoni kienet li dawn imorru mal-bar u jieħdu d-droga flimkien, iżda ġara li ġew arrestati waqt li kienu għadhom ħdejn it-*toilets*.

- Filwaqt li fix-xiehda tiegħu l-appellant jgħid li huwa kien iltaqa' ma' Gauci barra b'kumbinazzjoni u li mbagħad Gauci ċempillu ftit tal-ħin wara biex jiltaqgħu ħdejn it-*toilets*, li jfisser allura li wara li ltaqgħu barra ma baqgħux flimkien, f'mument minnhom jgħid ukoll illi qagħdu flimkien fil-*party* meta huwa evidenti li dan ma kienx minnu.

- L-appellant ikkonsma nofs pillola *ecstasy* biex sussegwentement imbagħad ta lil Gauci pillola u nofs. Huwa evidenti illi Gauci ma laħaqx ikkonsma minn dawn il-pilloli huwa stress għaliex ġie arrestat mill-Pulizija hekk kif akkwista l-pilloli mingħand l-appellant.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li qalet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet ben tajjeb hekk (*a fol.* 154):

> "Illi m'hemmx dubju illi fil-każ odjern, it-teżi tad-difiża tikkrolla fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok, għalkemm l-imputat jgħid illi Gauci u hu kienu ftehmu sabiex jieħdu d-droga flimkien jirriżulta bħala fatt illi Gauci u l-imputat ma kinux ser jieħdu d-droga flimkien fl-istess ħin. Fil-fatt skont l-imputat, huwa diġa' kien ikkonsma nofs pillola *ecstasy*, li skont ix-xhieda tiegħu, għalih kienet biżżejjed, u dan qabel iltaqa' ma' Gauci sabiex jipprovdilu r-rimanenti tal-pilloli. Mela allura l-element tal-komunanza sa hawn diġa' huwa nieqes. Terġa' u tgħid sussegwentement, Gauci ħallas lill-imputat għal dak li provdielu l-istess imputat u żamm ir-rimanenti tal-pilloli hu. Mela allura anke hawn m'hemmx l-

> element tax-*sharing* għaliex skont il-verżjoni tal-imputat, huwa xtara l-pilloli appożitament għal Gauci u mbagħad irċieva wkoll il-ħlas għalihom. Ma kienx għalhekk il-każ li l-imputat kien qed jaqsam id-droga li kellu għalih ma' Gauci, għaliex skont hu, l-imputat akkwista l-pilloli għal Gauci wkoll. Fl-azzjonijiet tiegħu, u skont il-verżjoni tiegħu stess, l-imputat indaħal sabiex jixtri d-droga għal Gauci u fil-fatt *a priori* akkwista d-droga bl-intenzjoni li jgħaddiha lilu. La darba skont hu, akkwista d-droga għal Gauci, ma jistax jingħad illi huwa kien qed jaqsam id-droga tiegħu jew id-droga intiża għalih mal-istess Gauci."

Illi kontra dak li jissottometti l-appellant fl-aggravji in eżami, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-istess aggravji, din il-Qorti filwaqt li tinnota li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija ta' imputazzjoni mmarkata bl-ittra (b) u dana sal-grad rikjest mil-liġi kriminali, tinnota wkoll li minkejja l-ammont żgħir ħafna nvolut ta' *ecstasy* pero' jibqa' l-fatt li dan il-każ ma kienx każ ta' traffikar *by sharing*. Għaldaqstant, l-ewwel u t-tielet aggravju qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellant jagħmel riferenza għas-*Social Inquiry Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia u jissottometti li għandu jkun hemm temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tal-aggravji in eżami din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 173), liema talba ġiet milqugħa wara li tressqu provi dwar l-istess u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-

appellant u li kien qed jagħlaq il-każ. Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tar-raba' aggravju.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellant li ġie pruvat;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2011 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia (*a fol.* 98 *et seq.*) u mis-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 102 *et seq.*) redatt minnha fil-konfront tal-appellant;

- dak li jirriżulta mis-*Social Inquiry Report* aġġornat (Dok. "JA" – *a fol.* 175 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Joanna Farrugia fil-konfront tal-appellant u li ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta mill-Psikoterapista Charles Cassar (*a fol.* 188 *et seq.*);

- dak li jirriżulta mir-rapport tal-Caritas fejn hemm is-segwenti (*a fol.* 211):

  *"**(9/10/2020)***

  *Jurgen Stanyer Id: 320692M has started attending Caritas Community Services Outreach on the 25/8/2020. He has been regular in his appointments which started on a weekly basis, and then it was agreed that we would tailor the appointments to become less regular since there was no need for them to be weekly (appointments are now set once every two-three weeks). As of writing this report, he has attended all his individual appointments the most recent being today 9/10/2020.*

  *Mr. Stanyer has been leaving urines weekly as of the 25/8/2020. All urine tests were tested for THC, cocaine and opiates. All the tests resulted negative for any illicit substances, with the last urine test in our system dated 9/10/2020.*

  *His plan is as follows: On-going support offered by him continuing attending individual sessions at Caritas Outreach on a monthly basis, leaving weekly urine samples.*

  ***12th. January 2021***

  *Following the first report for Mr. Stanyer, he is still abiding by his care plan ie: attending sessions every two or three weeks and leaving weekly urine sample at Caritas Outreach Premises. Last individual session was scheduled and completed on January 6th. 2021. He also*

> *left clean urine on the same day. Next individual session is scheduled for the 20th. January 2021";*

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti diversament preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant u li għalhekk għalaq il-każ;

- meta ngħad lil din il-Qorti diversament preseduta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jintemm, il-Qorti ġiet infurmata bis-segwenti (*a fol.* 216):

> "F'dan l-istadju, il-Bord wara li għamel eżami tal-klijent u ra r-rapport tal-Caritas, iħoss li dan il-każ għandu jiġi magħluq stante progress. Huwa ċar li Jurgen Stanyer huwa impenjat sabiex dak li bena matul dan iż-żmien quddiem il-Bord, ikompli jibni fuqu."

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) u 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll il-proviso ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu msemmi b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi dwar il-multa ta' sitt mija u ħamsin Euro (€650) li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant iħallas, din il-Qorti tinnota li din il-multa taqa' fil-parametri ta' dak li l-Qorti msemmija setgħet timponi u din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqasha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, ir-raba' aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ fis-sens hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Jurgen Stanyer u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (a) u li minnha l-appellant ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' imputazzjoni (b);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' sitt mija u ħamsin Euro (€650) u fejn ġiet ordnata d-distruzzjoni tad-droga eżebita u fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal wieħed u disgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€91.83);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna illi r-reat li l-appellant instab ħati tiegħu f'dawn il-proċeduri ma għandux jittieħed in

konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta (Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**